MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 1689/2003/1

**International Tentage Textiles Industries Limited**

**vs**

**Andreas Gerdes**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Ottubru, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Awissu, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u sittax-il lira Maltija (Lm816.00) rapprezentanti merkanzija mibjugha mis-socjeta` attrici lill-konvenut, liema ordni giet konfermata mill-konvenut stess (Dok.A);

Illi x-xogholijiet in kwistjoni kienu fir-rigward ta' canopy maghmula fuq specifikazzjonijiet tal-konvenut (Dok.B);

Illi minkejja diversi nterpellanzi mis-socjeta` attrici l-konvenut baqa' nadempjenti;

Ghaldaqstant intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont imsemmi ta' tmien mija u sittax-il lira Maltija (Lm816.00) bl-imghax mid-data tal-konsenja, cioe` mill-5 ta' Mejju, 2003, u bl-ispejjez tal-ittra interpellatorja annessa bhala Dok.C.

Illi b'risposta prezentata fis-6 ta' Novembru, 2003, il-konvenut qal li kien inkariga lis-socjeta` attrici biex timmanifatturalu canopy. Is-socjeta` attrici ma wettqitx l-inkarigu lilha fdat skond is-sengha u l-arti u l-canopy harget u baqghet difettuza u mhux tajba biex tintuza ghall-iskop li ghalih kienet giet ordnata, u dana nonostante diversi tentattivi mis-socjeta` attrici biex tirrimedja x-xoghol difettuz taghha.

Fil-fatt is-socjeta` attrici kienet lesta li tithallas ghall-materjal biss u li tirrinunzja ghal mano d'opera, liema proposta ma kienetx accettabbli u giet rifjutata mill-konvenut.

Semgha x-xhieda ta' Michael Azzopardi, Vince Farrugia, Vince Tabone, Mark Sapiano, Elizabeth Chemer u Andreas Gerdes. Ra l-atti u d-dokumenti esebiti u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

1. Is-socjeta' attrici qed titlob il-hlas ghal xoghol ta' canopy mibjugha lill-konvenut li da parti tieghu qed ighid li x-xoghol ma kienx skond is-sengha u l-arti.
2. L-ordni in kwistjoni jirrizulta mid-Dok A esebit datat 10 ta' April 2003, u l-prezz kien ta' tmien mija u sittax-il lira (Lm816) inkluz il-VAT.
3. Il-canopy inhadem a bazi ta' specifikazzjonijiet kif jirrizulta mid-Dok B datat 10 ta' April, 2003.

4. Fis-16 ta’ Lulju, 2003 id-difensur tas-socjeta’ attrici kitbet lill-konvenut ghal pagament.

5. Fis-17 ta’ Lulju, 2003 id-difensur tal-konvenut kien wiegeb lid-difensur ta’ l-attur, Dok GM fejn gharrafhom bix-xoghol hazin.

6. Skond ma xehed Michael Azzopardi foreman tas-socjeta’ attrici t-tinda saret apposta ghal konvenut u l-materjal kien ghazlu l-konvenut. L-istess xhud ighid li damu xi gimgha biex lestew it-tinda u biex iwahhluha. Ix-xhud ighid li sussegwentement li l-konvenut kien qalilhom biex imorru jissikkaw it-tinda u dan wara li ntalab il-pagament. Fil-fatt huma marru xi erba’ darbiet. Fl-ahhar il-konvenut qalilhom li m’oghbitux u ma riedx ihallas. Jirrizulta li x-xhud Azzopardi qatt ma kellem lill-konvenut personalment. Skond Azzopardi l-frame kien iddisinjah il-konvenut u s-socjeta’ attrici qatt ma qaltlu li t-tali frame ma kienx tajjeb ghax-xoghol li ried.

7. Vince Farrugia li jahdem mas-socjeta’ attrici bhala *cutter,* ighid li t-tinda nhadmet fuq il-frame. Dan jikkonferma li marru xi erba’ darbiet biex jissikkaw it-tinda. Dan ix-xhud qatt ma tkellem mal-konvenut u l-kuntatti kienu dejjem ma’ mpjegat tal-konvenut.

8. Elizabeth Chemer impjegata mal-konvenut kienet rat ix-xoghol fuq it-tinda u skond hi l-hjata ma kienetx maghmula sew fis-sens li mhux prezentabbli.

9. Mark Sapiano mpjegat ukoll mal-konvenut kien il-persuna illi kellem lil Vince Tabone tas-socjeta’ attrici. Dana jghid illi kienet is-socjeta’ attrici illi hadet il-qisien u li meta poggew it-tinda f’postha ma qaghditx pulita peress illi ma kienux ezatt fil-qisien. Huwa nnota illi apparti minn dan kien hemm gonot. Innota wkoll li l-impjegati tas-socjeta’ attrici kienu qabdu u ppruvaw jirrangawha fuq il-post bil-konsegwenza li l-hjata ma gietx pulita. Ix-xhud ighid li s-socjeta’ attrici kienu hadu l-canopy l-qadima sabiex jahdmu l-canopy l-gdida fuq dik il-bazi. Gie sottolineat illi minghand is-socjeta’ attrici kienu xtraw biss it-tinda u mhux il-frame.

10. Vince Tabone kien tqabbad mill-konvenut fil-bidu pero’ sussegwentement hu kien ta istruzzjonijiet lil Mark Sapiano dwar x’ghandu jsir ghalkemm l-ordni kien ghamilha hu.

11. Il-konvenut jikkonferma illi ma kienx sodisfatt bix-xoghol. Hu specifikatament jinnota illi d-drapp ma giex stirat izda mdendel. Hu jattribwixxi dan ghal qisien hziena li hadet is-socjeta’ attrici.
12. Mill-kumpless tal-provi u specjalment jekk wiehed jara r-ritratti Dok AG 1 sa AG 7 esebiti jirrizulta ampjament illi t-trufijiet tat-tinda ma humiex stirati u li dana huwa necessarjament attribwibbli ghal fatt illi ttiehdu qisien hziena jew ghal fatt li t-tinda giet imfassla b’qisien hziena. Ghalkemm ma jidher li hemm xejn hazin fil-maggiorparti taghha, l-gnub tat-tinda jaghtu mpressjoni ta’ haga li ma saritx sew. Ma hemmx dubbju illi t-tinda in kwistjoni qed isservi l-iskop taghha. Ma hemmx dubbju illi bi ftit aktar attenzjoni u ko-operazzjoni da parti tas-socjeta’ attrici l-affarijiet setghu rrimedjaw ruhhom minghajr il-htiega li jaslu quddiem dan it-Tribunal. Wiehed ma jistax ma jinnutax li s-socjeta’ attrici ppruvat sa certu punt taggusta d-difett, pero’ ghal xi raguni dana ma rnexxiex.
13. It-Tribunal ma hux tal-fehma illi l-konvenut ghandu jhallas l-ammont intier mitlub mis-socjeta’ attrici, pero’ lanqas ma huwa tal-fehma illi ma ghandu jithallas xejn. Il-materjal ingieb mis-socjeta’ attrici u sa certu punt huwa tajjeb u jidher li ghad hemm lok li wiehed jaggustah. Tenut kont ta’ dan u ta’ l-ispejjez li se mai jista’ jinvolvu l-konvenut biex jaggusta d-difett it-Tribunal iqis illi fic-cirkostanzi, arbitrio boni viri s-socjeta’ attrici hi ntitolata biss ghall-ammont ta’ hames mitt lira (Lm500.00).

Ghaldaqstant it-Tribunal, qed jilqa’ t-talba attrici limitatament fl-ammont ta’ hames mitt lira (Lm500.00). Jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mitt lira (Lm500.00). bl-imghax dekorribbli mil-lum.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta’ attrici.”

Il-konvenut jikkontesta lit-Tribunal ir-ragonament dedott fis-sentenza fuq il-bazi illi wiehed ma jistax jippretendi hlas ghal xoghol li ma jkunx ezegwit skond l-arti u s-sengha. Isostni ghalhekk illi gjaladarba rrizulta li x-xoghol tat-tinda

ma sarx skond din in-norma l-ebda hlas mhu dovut lis-socjeta` attrici;

Fit-twegiba taghha s-socjeta` attrici filwaqt li taccetta li wiehed mhux mistenni li jhallas ta' xoghol hazin, minn naha l-ohra wiehed ma jistax jippretendi li jzomm l-oggett, jaghmel uzu minnu u mbaghad jirrifjuta li jhallas;

L-istess socjeta` attrici ghaddiet biex tintavola appell incidentali.  Hi tikkontendi illi t-Tribunal ma kellux arbitrarjament inaqqas is-somma ta' tliet mija u sittax-il lira (Lm316) mis-somma reklamata u dan minghajr l-intervent u parir ta' espert, kif hekk kontemplat fl-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili.  Tilmenta wkoll dwar l-akkollament lilha mit-Tribunal ta' l-ispejjez gudizzjarji;

Il-fatti principali tal-kawza kif johorgu mill-provi jinsabu sew rijassunti mit-Tribunal fis-sentenza appellata u mhux il-kaz li din il-Qorti toqghod tirriproducihom;

Issa hu evidentement distingwibbli l-kaz li fih, ghallanqas mill-kontenut ta' l-appell principali u dak incidentali, il-partijiet ma jaqblux dwar ix-xorta ta' kontrattazzjoni konkjuza bejniethom.  Dan ghaliex filwaqt li l-konvenut jirpoza l-aggravju tieghu fl-ambitu ta' l-istitut tal-*locatio operis*, is-socjeta` attrici, invece, tikkolloka r-rapport negozjali fl-istitut tal-bejgh.  Dan igib li l-ewwel indagini li trid taghmel din il-Qorti tirrigwarda x-xorta ta' ftehim bejn il-partijiet, u cjoe jekk kienx wiehed ta' *locatio operis* jew dak ta' bejgh, jew addirittura minn kuntratt mist;

Huwa pacifiku illi l-kuntratt ta' opra jiddifferenzja ruhu minn dak ta' bejgh ta' haga futura minhabba l-prevalenza f' ta' l-ewwel ta' l-obbligazzjoni "*di facere*" fuq dik "*di dare*". Jigifieri l-element karatterizzanti ta' l-ewwel hi l-attivita` adoperata biex issir il-haga, mentri fil-kompravendita hu l-oggett innifsu.  Tezisti l-ewwel ipotesi meta l-oggett jigi konfezzjonat jew prodott in konsegwenza ta' kuntratt

specifiku; *ad exemplum*, il-hajjat li jaghmel libsa skond l-ordni tal-klijent. Invece fit-tieni kaz, l-oggett isir in esekuzzjoni ta' pjan ta' produzzjoni prestabilit u indipendentement mill-konkluzjoni ta' xi ftehim partikolari; *ad exemplum*, vettura li tigi manifatturata mhux skond ordni singolari izda in konformita` ma' pjan generali ta' produzzjoni;

Dan premess, fil-hsieb tal-Qorti, l-obbligazzjoni prevalenti kienet dik "*di facere*", gjaladarba s-socjeta` attrici giet kommissjonata taghmel tinda bil-materjal tal-*canvas* appozitament ghall-konvenut biex jghatti *frame* iddisinjat mill-istess konvenut. Ara xhieda ta' Michael Azzopardi, foreman tas-socjeta` attrici (fol. 28). Dan kien jikkorrispondi ghall-volonta` tal-kontraenti;

In virtu ta' din il-konsiderazzjoni, il-kontrattazzjoni intervenuta bejn il-partijiet ma tistax hlief titqies wahda ta' *locatio operis*;

Issa l-konvenut appellant jaddebita lis-socjeta` attrici b' kolpa kontrattwali in kwantu din ma pprovdietux b' dak l-*opus perfectum* li hu kien qed jippretendi u jistenna minghandha. Huwa indiskuss illi l-obbligazzjoni ta' min jippresta l-opra tieghu hi dik li jaghmel xoghol tajjeb u skond l-arti u s-sengha, ezenti minn vizzji u difformita` fl-ezekuzzjoni. Tali obbligu jirrientra fil-principju generali tad-dritt rigwardanti l-adempiment. Il-konstatazzjoni ta' tali vizzji tigi valutata fuq l-istregwa ta' l-ordinarja diligenza, u mhux bilfors tramite l-parir ta' esperti nominati, li, del resto, fil-kaz tat-Tribunal adit, in-nomina taghhom mhix wahda obbligatorja, tant li kif jinghad fis-subparagrafu (c) tas-subinciz (2) ta' l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 380, it-Tribunal "ghandu kemm jista' jkun jiddezisti milli jqabbad periti sabiex jaghtu l-parir espert taghhom";

Fil-kaz taht ezami t-Tribunal sab li verament it-tinda manifatturata kienet tiddifetta fl-ezekuzzjoni taghha tant li kienet tenhtieg xoghol rimedjali f' erba' okkazjonijiet. Tinsorgi hawn il-kwestjoni jekk id-difett kienx wiehed

sostanzjali jew essenzjali b’ mod li jirrendi t-tinda inadatta ghad-destinazzjoni taghha u ghall-iskop mahsub. Minn naha l-ohra wiehed irid izomm in mira illi l-konvenut appellant zamm din l-istess tinda u ghamel uzu minnha;

M’ hemmx dubju illi fil-kaz ta’ inadempiment min jikkommissjona x-xoghol ghandu ghad-disposizzjoni tieghu varji rimedji. *Inter alia*, l-azzjoni rizarcitorja jew dik ghall-eliminazzjoni tad-difett, jew dik tar-rizoluzzjoni tal-ftehim, jew ukoll dik tad-diminuzzjoni tal-prezz pattwit. F’ dan il-kaz l-appellant illimita ruhu biex isostni b’ difiza li x-xoghol kien difettuz u mhux skond l-arti u s-sengha. Il-kwestjoni allura mhollija fil-meritu ghall-gudizzju tat-Tribunal kienet dik jekk tali difett kienx essenzjali o meno;

Minn dak rikavat fil-parti recitativa tas-sentenza jidher li t-Tribunal kien tal-fehma li fic-cirkostanzi tal-kaz partikolari d-difett ma kienx wiehed daqstant sostanzjali u allura opta ghar-riduzzjoni tal-prezz. Apparti li l-ammont tar-riduzzjoni kien element ta’ dik id-diskrezzjoni li tirrientra fid-dispost ta’ l-Artikolu 7 ta’ l-Att V ta’ l-1995, una volta l-istess ligi tiddekreta, bhala attribuzzjoni tat-Tribunal, l-epurazzjoni u d-decizjoni tal-materja kontestata skond l-ekwita`, huwa principju stabbilit anke mill-gurisprudenza illi f’ kaz li d-difett ta’ l-esekuzzjoni ma jkunx wiehed essenzjali dan jaghti d-dritt jew ghar-riparazzjoni tieghu jew ghat-tnaqqis fil-prezz. Ta’ din il-veduta hi s-sentenza riportata a **Vol. XXX P II p 433** u dawk fl-ismijiet "**Angelo Busuttil -vs- Pio Fedele *et***", Qorti Civili, Prim' Awla, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 9 ta’ April 1968 u "**John Bonnici *nomine* -vs- Anthony Sammut**", Appell Kummercjali, 22 ta’ Gunju 1994;

Fermi s-suesposti konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma ssibx raguni biex tallontana ruhha mill-motivazzjoni tat-Tribunal u tal-konkluzjoni minnu raggunta, lanqas fil-konfront tal-kap ta’ l-ispejjez. Anke hawn hu principju accettat illi d-dispost ta’ l-Artikolu 10 tal-Kapitolu 380, similment ghal dak ta’ l-Artikolu 223 tal-Kapitolu 12 ghandu l-

eccezzjonijiet tieghu u difatti gie ragunat illi r-regoli kontenuti fihom mhumiex talment tassattivi u nflessibbli li ma jippermettux li f' certi kazijiet it-tribunali jiddipartixxu minnhom. Ara b' ezemplari, **Kollez. Vol. XXVI P I p 173**; **Vol. XXX P I p 342** u **Vol. XLIX P I p 190**, fost bosta ohrajn. Ukoll ma ssibx raguni konvincenti biex takkolji l-aggravji ta' naha jew ta' ohra.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad kemm l-appell principali tal-konvenut kif ukoll l-appell incidentali tas-socjeta` attrici. B' hekk tikkonferma s-sentenza appellata tat-Tribunal bl-ispejjez ta' l-appell principali ghall-konvenut u dawk ta' l-appell incidentali ghas-socjeta` attrici. Dawk ta' l-ewwel istanza jibqghu kif decizi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------